***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis, 14 ta' April 2016.**

**Rikors Numru: 409/2016/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 409/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**IBID Holdings Ltd, kumpanija registrata f'Hong Kong b'numru tar-registrazzjoni 2334470, rapprezentata mill-Avukat Dr Adrian Delia LL.D, bhala l-mandatarju lokali tal-istess socjeta'**

**vs**

**Dr Noel Cutajar u l-PL Lilian Buhagiar b' digriet tas-16 ta' Marzu 2016 gew appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Holdplay Limited, kumpanija registrata fil-British Virgin Islands b'numru ta' registrazzjoni numru 1817867; u b' digriet tal-5 ta' April 2016 il-Qorti ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi deputati appuntati; Dr Damian Fiott ID 79775 (M) b' nota tal-21 ta' Marzu 2016 assuma l-atti tal-mandat f' isem Holdplay Limited; u Dr Benjamin Valenzia u l-PL Luisa Tufigno b' digriet tas-16 ta' Marzu 2016 gew appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Esbrewman 24 Limited, kumpanija registrata fir-Renju Unit, b'numru tar-registrazzjoni 8817485; u b' digriet tal-5 ta' April 2016 il-Qorti ordnat l-estromessjoni**

**tal-kuraturi deputati appuntati; Dr Damian Fiott ID 79775 (M) b' nota tal-21 ta' Marzu 2016 assuma l-atti tal-mandat f' isem Esbrewman 24 Limited;**
**u Holdplay Malta Limited, kumpanija registrata f'Malta, b'numru tar-registrazzjoni C64548; u**
**E-Play 24 ITA Limited, kumpanija registrata f'Malta, b'numru tar-registrazzjoni C 52511; u**
**E-Play 24 Limited, kumpanija registrata f'Malta, b'numru tar-registrazzjoni C48483;**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' IBID Holdings Ltd, kumpanija registrata f'Hong Kong b'numru tar-registrazzjoni 2334470, rapprezentata mill-Avukat Dr Adrian Delia LL.D (ID: 299369 (M)), bhala l-mandatarju lokali tal-istess socjeta' datat 14 ta' Marzu 2016 fejn gie kkonfermat bil-gurament:-

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli:

(1) Lis-socjeta' intimata Holdplay Limited, kumpanija registrata *fil-British Virgin Islands* b'numru ta' registrazzjoni numru 1817867, milli:

Tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi sew b'titolu oneruz jew gratuwitu sitt mitt (600) sehem ordinarji klassi A fis-socjeta' rregistrata f'Malta "Holdplay Malta Limited" (C64548), registrati f'isem l-intimata Holdplay Limited, liema ishma ghandhom *nominal value* kull sehem ta' ewro (Eur 1) u jinsabu 20% *paid up,* jew li tiehu kwalunkwe tip ta' decizjoni relatata ma' dawn l-ishma;

(2) Lis-socjeta' intimata Esbrewman 24 Limited, kumpanija registrata fir-Renju Unit, b'numru tar-registrazzjoni 8817485, milli:

Tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi sew b'titolu oneruz jew gratuwitu sitt mitt (600) sehem ordinarji klassi B fis-socjeta' rregistrata f'Malta "Holdplay Malta Limited (C64548)", registrati f'isem l-intimata Esbrewman 24 Limited, liema ishma ghandhom *nominal value* kull sehem ta' ewro (Eur 1) u jinsabu 20% *paid up,* jew li tiehu kwalunkwe tip ta' decizjoni relatata ma' dawn l-ishma;

(3) Lis-socjetajiet:

(a) Holdplay Malta Limited, kumpanija registrata f'Malta bin-numru tar-registrazzjoni C 64548; u

(b) E-Play 24 ITA Limited, kumpanija registrata f'Malta, b'numru tar-registrazzjoni C 52511; u

(c) E-Play 24 Limited, kumpanija registrata f'Malta, b'numru tar-registrazzjoni C48483;

Huma stess *tramite* d-diretturi, ufficjali u/jew impjegati taghhom jew *tramite* terzi, milli:

iwettqu xi azzjoni, jidhlu jew jassumu obbligi legali/kuntrattwali versu terzi, jidhlu jew jassumu oneri finanzjarji u/jew jidhlu fi kwalunkwe ftehim ta' kwalsiasi natura li jibdel jew inaqqas b'xi mod l-assi u/jew il-valur tal-kumpanija Holdplay Malta Limited (C 64548) u tas-sussidjarji taghha, u dan *ai termini* ta' klawsola numru 3.4 tal-kuntratt iffirmat fit-28 ta' Jannar 2016, mmarkat bhala Dok F;

Illi dan il-mandat ta' inibizzjoni qieghed jintalab ghab-bazi tas-segwenti:

(1) Illi s-socjeta` intimata "Holdplay Malta Limited", rregistrata f'Malta b'numru C64548 (minn hawn 'il quddiem

imsejha 'Holdplay Malta'), tikkontrolla u ghanda mija fil-mija (100%) tal-ismha tas-socjeta` rregsitrata f'Malta bl-isem ta' E-Play 24 Limited C48483 u dan kif jidher mill-kopja tal-*Memorandum and Articles* u tal-Form T's (Transfer of Shares) intavolati fir-Registru tal-Kumpaniji li segwew, datati 28 ta' Lulju 2011 u partikolarment 28 ta' Mejju 2014 (meta Holdplay Malta akkwistat l-ismha kollha tas-socjeta` E-Play 24 Limited), dokumenti mmarkati bhala Dok A (Memorandum and Articles ta' E-Play 24 Limited), Dok B (Form T; Transfer of shares datat 30 ta' Gunju 2011) u Dok C (Form T; Transfer of shares datat 21 ta' Mejju 2014) rispettivament;

(2) Illi wkoll, is-socjeta` intimata Holdplay Malta, tikkontrolla u ghanda mija fil-mija (100%) tal-ismha tas-socjeta` rregsitrata f'Malta bl-isem ta' E-Play 24 ITA Limited C 52511 u dan kif jidher mill-kopja tal-*Memorandum and Articles* mmarkat bhala Dok D;

(3) Illi l-azzjonisti tas-socjeta` rregistrata f'Malta Holdplay Malta, kif jidher mill-kopja annessa tal-*Memorandum and Aricles* (Dok E), huma l-intimati Holdplay Limited kumpanija registrata fil-British Virgin Islands b'numru ta' registrazzjoni numru 1817867 (minn hawn 'il quddiem imsejha 'Holdplay BVI') u Esbrewman 24 Limited, kumpanija registrata fir-Renju Unit, b'numru tar-registrazzjoni 8817485 (minn hawn 'il quddiem imsejha 'Esbrewman');

(4) Illi s-socjeta` rikorrenti, ft- 28 ta' Jannar 2016 iffirmat *Share Purchase Agreement* mal-intimati 'Holdplay BVI' u 'Esbrewman', sabiex takkwista 100% tal-ishma fis-socjeta` Holdplay Malta, liema kuntratt qed jigi mmarkat bhala Dok F;

(5) Illi sussegwentament, l-intimati 'Holdplay BVI' u 'Esbrewman' naqsu minn li jonoraw il-ftehim u talbu bidla fil-prezz minn dak miftiehem, kif ukoll talbu li jinbidlu xi termini u klawsoli ohra fl-istess kuntratt;

(6) Illi nhar il-Hamis, 3 ta' Marzu 2016, l-intimati 'Holdplay BVI' u 'Esbrewman', *tramite* r-rapprezentant legali taghhom Av Damien Fiott, permezz ta' email baghat javza lir-rikorrenti illi unilateralment l-kuntratt qed jigi meqjus bhala itterminat, u dan naturalment bi hsara u bi pregudizzju kbir ghas-socjeta rikorrenti (*email* mmarkata Dok G), u dan wara li kienu diga saru pagamenti da parti tas-socjeta` rikorrenti dovuti lil-intimati 'Holdplay BVI' u 'Esbrewman' ghax-xiri tal-istess kumpanija intimata 'Holdplay Malta';

(7) Illi minhabba fir-raguni moghtija fil-paragrafi precedenti jezisti biza fondat illi l-intimati jistghu jfittxu kumpraturi godda sabiex ibieghu l-ismha lil terzi wara li r-rikorrenti m'accettatx il-bidliet rikjesti mill-intimati 'Holdplay BVI' u 'Esbrewman', u dan kif diga' jidher car x'inhi l-intenzjoni ta' l-intimata kif spjegat iktar 'il fuq, u kontra l-klawsola 4.1.6 tal-istess *Share Purchase Agreement,* liema eventwalita` tikkawza dannu irrimedjabbli lil-esponenti

*stante* li ma tkunx f'pozizzjoni li jsejjah u jgieghel lill-intimati sabiex jaddevjenu ghall-ezekuzzjoni tal-obbligi principali tal-kuntratt, ossia l-bejgh tas-socjeta` intimata Holdplay Malta;

(8) Illi wkoll skont klawsola 3.4 *tax-Share Purchase Agreement* surreferit, l-intimati 'Holdplay BVI' u 'Esbrewman' obbligaw ruhom illi jaccertaw illi ebda direttur, ufficjal jew impjegat ta' Holdplay Malta, ta' E-Play 24 ITA Limited (C 52511) u ta' E-Play 24 Limited (C48483) ma jiehu ebda decizjoni li tista taffetwa l-andament tal-kumpanija Holdplay Malta, u dan billi, fost ohrajn, ma jidhlu f'ebda kuntratti ma' terzi, ma jakkumulaw ebda debitu u ma jiddisponu minn ebda ass li jista' jaffetwa l-valur ta' Holdplay Malta *stante* li kwalunkwe decizjoni ta' dan it-tip ser tikkawza pregudizzju serju u telf pekunjarju irrimedjabbli lis-socjeta rikorrenti;

Ghaldaqstant u kif ukoll minhabba l-urgenza u r-riskju imminenti tal-ksur irrimedjabbli tal-jeddijiet ta' l-esponenti, u tenut kont tal-fatt illi l-jeddijiet taghha diga qed jigu serjament kompromessi bl-agir ta' l-intimati kif fuq appena deskritt, jigi sottomess bir-rispett illi jkun opportun illi t-talba ta' l-esponenti tintlaqa' provvizorjament.

Rat id-digriet tal-14 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-7 ta' April 2016, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 14 ta' Marzu 2016 a fol 75 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tappunta kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimati hawn surriferiti in konnessjoni mal-mandat t' inibizzjoni in kwistjoni u ma' kull att iehor relattiv u sussegwenti, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi: u l-Qorti bid-digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2016 (fol 74) laqghet it-talba u ordnat li jigu appuntati kuraturi mil-lista.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 7 ta' April 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Damian Fiott ghan-nom tas-socjetajiet intimati Holdplay Ltd u Esbrewman Ltd, deher Dr Donald Vella ghall-intimati kollha. Deher ukoll Dr Kris Scicluna ghas-socjeta` rikorrenti rapprezentata minn Daniel Fleisher fl-Awla. Xehed bil-gurament tieghu bil-lingwa Ingliza Daniel Fleisher, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Kris Scicluna u ta' Dr Donald Vella, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Kris Scicluna ghandu jipprezenta nota bil-*visto* tad-difensur tal-kontro-parti fejn jindika d-dispozizzjonijiet relattivi tar-Remote Gaming Regulations li huma ta' rilevanza ghar-rikors odjern u dan sal-11 ta' April 2016, u l-istess ghandu jaghmel Dr Donald Vella. Il-kawza qed tigi differita ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti, socjeta' estera registrata f'Hong Kong, qed titlob lil din il-Qorti sabiex tinibixxi lill-intimati Holdplay Limited BVI u Esbrewman 24 Limited milli jnehhu jew jiddisponu taht kwalsiasi titolu mill-ishma ordinarji registrati f'isem il-kumpanija Holdplay Malta Limited u fis-socjetajiet intimati l-ohra li huma sussidjarji ta' Holdplay Malta Limited. Is-socjeta' rikorrenti qed tadixxi lil din il-Qorti biex tikkawtela d-drittijiet taghha naxxenti minn *Share Purchase Agreement* iffirmat bejn is-socjeta' rikorrenti minn naha wahda, Holdplay Limited BVI u Esbrewman 24 Limited minn naha l-ohra, fit-28 ta' Jannar 2016 ghax-xiri tal-ismha kollha fis-socjetajiet Maltin. Tghid li dan il-ftehim gie tterminat unilateralment mill-intimati.

L-intimati wiegbu billi ssottomettew il-mankanza tad-dritt tas-socjeta' rikorrenti li naqqset mill-obbligi taghha skont il-ftehim, partikolarment l-obbligu tal-hlas tad-depozitu stipulat fl-istess ftehim lill-*escrow agent* fit-terminu stabbilit (art.2.1.1. tal-Ftehim). Ghalhekk il-ftehim huwa tterminat bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1068 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc (patt risoluttiv).

## Sintesi tal-Fatti

Il-fatti li jemergu mill-atti u li huma rilevanti ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti.

Permezz tal-ftehim premess, il-partijiet, kumpaniji esteri, ftehmu li l-intimati ibieghu u jittrasferixxu l-ishma kollha li huma ghandhom fis-socjeta' Maltija Holdplay Malta Limited. Fost il-kondizzjonijiet kien stipulat li l-prezz kollu ta' €1,175,000.000 kellu jithallas kwantu ghal €500,000 b'depozitu tramite *escrow agent,* sa mhux aktar tard minn sebat ijiem mill-ftehim, li skadew fl-4 ta' Frar 2016, u dan fil-kaz li l-kompratrici tikkonferma li l-verifika tad-*due diligence* li kellha taghmel kienu rrizultaw soddisfacenti. Dawn il-verifiki saru a soddisfazzjon tar-rikorrenti **(DOK DF1)** izda baqghet ma vversatx id-depozitu skont kif miftiehem.

Jirrizulta mit-trattazzjoni li ftit wara l-iffirmar tal-kuntratt saret talba mis-socjeta' rikorrenti sabiex isiru xi tibdiliet fil-ftehim fosthom it-tibdil tal-*escrow agent.* Dan effettivament inbidel. Talba ohra kienet sabiex ir-rikorrenti tinghata l-fakolta' li ccedi d-drittijiet taghha skont il-ftehim lil terzi izda dwar dan ma kienx hemm qbil diment li ma jkunx hemm korrispettiv konsistenti f'awment fil-prezz.

Fil-frattemp is-socjeta' rikorrenti avvanzat is-somma ta' €162,000 lis-socjeta` sussidjarja E-Play 24.

Fit-3 ta' Marzu 2016, is-socjetajiet vendituri, tramite Dr Damian Fiott, ir-rapprezentant taghhom f'Malta, avzaw b-*email* lis-socjeta' rikorrenti li "*Please note that Sellers are treating Buyers as having terminated the SPA as a result of failure by Buyer to adhere to its obligations under the SPA and this without prejudice to the Sellers' rights under the SPA and at law."*

**<u>Dritt</u>**

Jirrizulta mit-talba kif ifformulata li t-talba odjerna hija ppernjata fuq l-**artikolu 873 tal-Kap 12.**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizzi mir-rikorrent tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-

---

[1] Ara f'dan is-sens **"Grech proprio et nomine vs Manfre"** – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "40, Main street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar" (P.A. RCP – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens **"Emmanuel Sammut vs Josephine Sammut"** P.A. TM - deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre` huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat, m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

**Dritt '*Prima Facie*'**

Is-socjeta' rikorrenti takkampa fuq is-*Share Purchase Agreement* (SPA) esebit bhala Dok 'F' mar-rikors li fl-artikolu 1.1. il-partijiet stipulaw hekk:

"*The Transferor hereby agrees to sell and the Transferee hereby agrees to purchase the total number of 1,200 shares ... in consideration of the amount set out at clause 2 below.*"

Skont l-istess SPA, "*the transfer of shares is effective only on the earlier of (i) 30 days from the Effective Date,(ii)upon a duly confirmed written approval of transfer of shares by each relevant authority......"*(clause 1.3) (*the Closing date)*. Il-prezz kellu jithallas kwantu ghal €500,000 sa mhux aktar tard mill-4 ta' Frar 2016 salv il-verifiki pattwiti ta' *due diligence,* filwaqt li l-bilanc ta' €675,000 kellu jithallas mad-data tal-gheluq.

Jirrizulta li bejn l-*effective date* u l-*closing date*, l-intimati tterminaw il-ftehim unilateralment.

Skont l-artiklu 9.1 tal-SPA, il-ftehim huwa soggett ghall-Ligijiet ta' Malta.

Huwa pacifiku li ma sarx id-depozitu pattwit ta' €500,000 fit-terminu stabbilit u dan ghal ragunijiet li gew sollevati fit-trattazzjoni da parti tas-socjeta' rikorrenti konsistenti fil-htiega ta' tibdil tal-*escrow agent,* u ragunijiet ohra li proprjament jolqtu l-mertu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet. Madanakollu mistoqsi fix-xhieda tieghu jekk l-kumpanija li jirraprezenta ghadhiex interessata li tkompli n-negozju ghax-xiri tal-ishma, **Daniel Fleischer** wiegeb fl-affermattiv. Inoltre jirrizulta li l-istess socjeta' rikorrenti ghamlet pagament ta' €162,000 lil wahda mis-socjetajiet sussidjarji intimati.

Illi s-socjetajiet intimati eccipew li l-ftehim m'ghadux vigenti bl-applikazzjoni tal-patt rizoluttiv li jopera *ipso jure* f'kuntratti kummercjali bhal dak in ezami. Eccipew ukoll fit-trattazzjoni

li l-ftehim huwa ta' natura ta' weghda ta' bejgh li ghaliha huwa applikabbli **l-artikolu 1357(2) tal-Kap 16** u cioe`:-

*"(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex t itwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien."*

**L-artikolu 117 tal-Kodici Tal-Kummerc.**

**L-artikolu 117 tal-Kap 13** tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:-

*"Fil-kuntratti kummerċjali, il-kondizzjoni riżoluttiva taċita msemmija fl-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili tħoll il-kuntratt ipso jure, u l-qorti ma tistax tagħti żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus mill-mora*:"

Illi l-kondizzjoni rizoluttiva hija dik li meta ssehh tholl l-obbligazzjoni u terga' tqieghed hwejjeg fl-istess stat bhallikieku l-obbligazzjoni ma kienet giet qatt maghmula (art.1066(i) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Inoltre skont l-artikolu 1068 tal-istess Kap 16 il-kondizzjoni rizoluttiva

tinghad dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali. Madanakollu b'differenza ma' kuntratti ta' natura civili, f'kuntratti bilaterali kummercjali l-effett tal-kondizzjoni rizoluttiva tacita huwa li l-kuntratt jinhall *ipso jure.* Il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex il-fakolta' li taghti zmien xieraq lid-debitur tal-obbligazzjoni sabiex jadempixxi l-obbligi tieghu skont il-kuntratt.

Kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza ***Malta Industrial Parks Limited v Grazia Auto Care Company Limited*** (29.09.2011 PA JZM)," *L-Art.117 tal-Kodici tal-Kummerc jiddisponi illi 'fil-kuntratt kummercjali (u dan hu kuntratt kummercjali) il-kondizzjoni rizoluttiva tacita imsemmija fl-Art.1068 tal-Kodici Civili tholl kuntratt ipso jure u l-Qorti ma tistax taghti zmien lill-konvenut sabiex jigi mehlus mill-mora'. Dan ifisser illi l-ligi tal-kummerc timponi fuq in-negozjant aderenza aktar rigoruza ghall-obbligazzjonijiet kontrattwali minnu assunti b`mod illi tesigi r-risoluzzjoni ipso jure tal-kuntratti anke fejn il-kontraent ikun inadempjenti ta` kondizzjoni rizoluttiva tacita*."

Illi jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti Daniel Fleischer li, skont hu, ma setax jigi kompletat it-trasferiment tal-ishma qabel ma' tinghata l-awtorizzazzjoni tal-*Malta Gaming Authority.* Difatti ma jirrizultax mill-atti li din l-awtorizzazzjoni saret. Iz-zewg partijiet, *tramite* d-difensuri taghhom, ipprezentaw nota fejn iccitaw id-disposizzjonijiet rilevanti fil-materja mir-

Regolamenti dwar Loghob minn distanza (SL 438.04), fejn ir-regolament 11 jipprovdi dwar l-assenjazzjoni u trasferiment ta' licenzja u jehtieg "*the prior written consent of the Authority.*"

Skont l-istess SPA fejn il-partijiet stipulaw li t-trasferiment tal-ishma jsir effettiv "*only on the earlier of (i) 30 days from the Effective Date, (ii) upon a duly confirmed written approval of transfer of shares by each relevant authority......"* (clause 1.3) (*the Closing date)*." Ghandha ragun ir-rikorrenti li targumenta li d-data effettiva tat-trasferiment trid tkun posterjuri ghall-approvazzjoni tal-Awtorita' u b'hekk il-Ftehim mhuwiex konformi ma' dak legislat.

Ix-xhud kompla jixhed:

*"We requested to open the SPA and to change the fact that the transfer will be completed after approval of the MGA and to change also the duration of the transfer of the funds especially the second tranche which is the remaining balance of the six hundred and seventy five thousand Euros that we were suppose to transfer after we transfer five hundred thousand to Escrow account."*

Ikkonsidrat li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti *in bona fede* u fic-cirkostanzi, s-socjeta' rikorrenti ma ressqitx ghall-hlas rimanenti *in mala fede* imma minhabba li jezistu ragunijiet legali li jimmiltaw kontra t-trasferiment tal-ishma qabel ma' tinghata l-awtorizzazzjoni skont il-Ligi.

Fic-cirkostanzi, hija tal-fehma li jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex il-mandat jintlaqa'. Il-kwistjoni dwar ix-xoljiment *o meno* tal-ftehim, kif ukoll dwar l-applikabbilita' tal-artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili ghandha tigi studjata b'mod approfondita fil-forum kompetenti.

**Htiega**

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li s-socjeta' rikorrenti ppruvat li tista' ssofri pregudizzju rrimedjabbli jekk t-talbiet taghha ma jigux milqugha.

Huwa attendibbli dak li xehed Daniel Fleischer meta qal:

*"As for suing the shareholders which are UK citizens and are basically detached through companies in BVI would be almost impossible."*

Ghaldaqtant il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet kif dedotti.

## III. DECIDE.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, **taqta' u tiddeciedi**, billi jirrizulta li r-rikorrenti gabet il-quddiem l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern, tilqa' it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif dedotta.

L-ispejjez jigu ssopportati mis-socjetajiet intimati *in solidum* bejniethom.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' April 2016**